# "U BAQA' MIEXI MAGĦHOM"

Kull meta jilħaq isqof ġdid dejjem jagħżel motto li jdawwallu l-ministeru tiegħu. L-Isqof Anton Teuma għażel il-vers li jinsab fil-Vanġelu ta' San Luqa, Kapitlu 24. Ġesù ltaqa' ma' żewġ dixxipli ta' Għemmaws u l-Vanġelu jgħidilna, "U baqa' miexi magħhom". Is-silta tgħid li Ġesù ltaqa' maż-żewġ dixxipli u baqa' miexi magħhom filwaqt li qagħad ifissrilhom x'kienet tgħid l-Iskrittura fuqu. Minn bniedem stranġier, Ġesù sar wieħed ta' ġewwa, tant li xħin kien taparsi se jkompli miexi għal għonq it-triq, qalulu biex jidħol joqgħod magħhom.

L-Isqof Anton Teuma stess ifisser il-motto tiegħu hekk: "Il-Mulej Ġesù huwa l-istess Alla magħmul bniedem li jieħu fuqu n-natura umana biex isir wieħed minn fost ulied il-bnedmin. Huwa jimxi bħal pellegrin mal-bnedmin anki fit-triq lejn Għemmaws, jiġifieri fid-direzzjoni opposta għal Ġerusalemm. F'din il-mixja huwa jdawwal lill-bnedmin bil-Kelma li ssir fanal għal riġlejhom, waqt li jwassalhom ukoll għall-Ewkaristija. Imbagħad din l-esperjenza liturġika tiġi msarrfa "fl-esperjenza konkreta ta' ħajja mogħtija għall-oħrajn."



Bl-għażla ta' dan il-motto, ir-ragħaj spiritwali l-ġdid tad-djoċesi ta' Għawdex jixtieq iwassal l-aħbar tajba li Ġesù huwa dejjem lest li jimxi mal-bnedmin fl-ispirtu tas-smigħ, tal-akkoljenza, tal-komprensjoni, tal-imħabba u tat-tama ta' ħelsien lil kull persuna, hi min hi.

Il-konsagrazzjoni u l-ingress solenni ta' Dun Anton se jsir nhar il-Ħadd 13 ta' Settembru fil-5.30pm fil-Katidral ta' Marija Assunta. Nitolbu għall-Isqof il-ġdid tagħna, anke billi xħin ngħidu r-Rużarju fil-familja, nitolbu lil Marija u Ġesù biex jieħdu ħsiebu.

***L-Arċipriet***

## L-EKOLOĠIJA: IX-XEMX

San Franġisk għandu talba ta' tifħir fuq ix-xemx.

*Infaħħrek Mulej għall-ħlejjaq tiegħek kollha u speċjalment għal oħtna x-xemx, li hija d-dawl tal-jum li permezz tagħha inti ddawwal lilna. Ix-xemx hija sabiħa u ddawwal tal-għageb. O Alla għoli, ix-xemx hija simbolu tiegħek!*

Ix-xemx hija l-kewkba l-iktar importanti fis-sistema planetarja tagħna. Ix-xemx tippermetti l-ħajja u t-tkabbir tal-ispeċi tal-annimali u tal-ħxejjex. Ix-xemx tfakkarna fil-ġmiel infinit tal-Ħallieq.

## AVVIŻI OĦRA:

**LAQGĦA TAL-MAGĦMUDIJA:** dawk li se jgħammdu fil-ġimgħat li ġejjin u dawk li se jkunu parrini, jistgħu jiġu għal-laqgħa ta' tħejjija nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju fis-7.00pm fl-Uffiċċju Parrokkjali. Nitolbukom biex ma ġġibux tfal żgħar magħkom minħabba ċ-ċokon tal-post u sabiex inżommu s-social distancing.

**KORS GĦALL-GĦARAJJES:** ftit jiem ilu waslulna l-formoli biex tkunu tistgħu tinkitbu għall-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ, għas-sena 2020-2021. Akkwistaw kopja tal-formola mill-Uffiċċju Parrokkjali. Tistgħu tinkitbu minnufih.

**IL-LAQGĦAT TAL-LEGION OF MARY:** Minn din il-ġimgħa l-membri tal-Legion se jerġgħu jibdew jiltaqgħu, anki taż-żgħar. Għalissa se jkun hemm direttivi apposta dwar dawn il-laqgħat jew xogħol li jista' jsir. Għalhekk nagħmlu kuraġġ u nistħajlu lill-Madonna qed terġa' ssejħilna u b'sens ta' dmir nissieħbu għall-ġid tagħna lkoll.

**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** jixtieq jirringrazzja lil kull min attenda għall-fundraising tat-tombla li saret nhar it-Tnejn. Id-dħul ser jintuża biex jiġi attrezzat aħjar iċ-Ċentru l-ġdid li nbena.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA JAVŻA:** se nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju se jkun hemm tombla kbira quddiem il-Każin fis-7.30pm. Trasport provdut minn kullimkien. Tombla oħra se tkun nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju quddiem il-Każin ukoll. Tibda fis-7.30pm. Ikun hemm trasport provdut minn kullimkien.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am